**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Antoine Galea**

Numru: 267/2012

Illum 11 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Antoine Galea**, ta' erbgha u tletin sena, iben Carmel u Emanuela neé Gialanze, imwieled il-Pietà, nhar it-22 ta' Dicembru 1977, residenti gewwa 136, Kristu Re, Triq il-Qadi, Zejtun, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 32278(M)

akkuzat talli:

1. nhar it-22 ta' Jannar 2012, ghall-habta tas-19.15 ta' wara nofs inhar, minn gewwa r-residenza numru 42, Triq il-Palma, Rahal il-Gdid, flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' oggetti u flus, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, liema valur ta' haga misruqa jeccedi l-mitejn u tnejn u tlieta Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin, bil-lok u dan ghad-detriment ta' Stella Vella, mara anzjana ta' tnejn u tmenin (82) sena minn Rahal il-Gdid;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Stella Vella, anzjana ta' tnejn u tmenin (82) sena, kontra l-volonta' taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

3. kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati t-28 ta' Mejju 2011 u t-22 ta' Gunju 2011;

4. kiser il-providmenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata l-24 ta' Ottubru 2011;

5. kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar it-3 ta' Awwissu 2010, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u dan taht garanzija personali ta' €10,000 u depozitu ta' €1000, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li

jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 191/12 redatt mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, liema Process Verbal jirrigwarda *hold-up* f'residenza f'Rahal Gdid skond rapport tat-22 ta' Jannar 2012 (*a fol.* 58).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 144) datata 29 ta' Novembru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1)(a), 263(a), 267, 269(g), 270, 274(d), 275, 276, 276A, 278, 279(b), 280(2)(3), 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-Artikoli 86, 87(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-Artikoli 7, 21, 22, 23, u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' April 2013 (*a fol.* 148), gew moqrija quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Novembru 2012 (*a fol.*

144), waqt liema seduta l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 197 *et seq.*) fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet is-segwenti:

> *"Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti tilqa' l-appell ta' Antoine Galea dwar l-ewwel aggravju. Tiddikjara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti nulla u bla effett. F'dawn ic-cirkostanzi biex ma tipprivax l-appellant tal-beneficcju tad-'doppio esame' tibghat dan il-process lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi l-kaz skond il-Ligi. Tordna li l-akkuzat jibqa' jinzamm fl-istess pozizzjoni qabel ma nghatat l-ewwel sentenza"* (*a fol.* 201).

Rat id-Digriet moghti fl-24 ta' April 2018 (*a fol.* 202) mill-Qorti kif diversament preseduta fejn l-imsemmija Qorti ddegretat is-segwenti:

> *"Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz peress li diga ppronunzjat ruhha.*
>
> *Tibghat l-atti lir-Registratur tal-Qrati sabiex jigu assenjati."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'Digriet ta' Assenjazzjoni datat 2 ta' Mejju 2018 moghti mill-Prim'Imhallef Joseph Azzopardi (*a fol.* 203).

Semghet, fis-seduta tal-4 ta' April 2019 (*a fol.* 207), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijietipprezentata mill-Prosekuzzjoni fid-29 ta' Mejju 2019 (*a fol.* 211 *et seq.*).

Rat illi d-difiza baqghet ma ghamiltx is-sottomissjonijiet finali taghha u dana minkejja li kellha kull opportunita' li taghmel hekk fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2019.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2012, xehdet **Stella Vella** (*a fol.* 24 *et seq.*) fejn spjegat li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012 kien il-Hadd u li ghall-habta tas-7.00pm waqt li kienet bil-qieghda fuq pultruna fid-dar taghha tara t-televizjoni semghet hoss fil-bieb tal-*aluminium* tal-bitha, liema bieb tghid ikun marbut bil-habel, tghid li tqaccat il-habel, infetah il-bieb imsemmi u dahlu zewg persuni bil-kalzetta go rashom fejn mentri wiehed mill-persuni mar jigri ghal fuqha, l-iehor tela' jigri fuq. Tghid li dak li mar fuqha ghamel idejh ma' halqha u hasset li kellu ngwanti tas-suf f'idu u qalilha biex ma tghajjatx ghax f'kaz li kienet ser tghajjat qalilha li kellu sikkina. Tghid li dan il-persuna dahhal idu fil-but u hareg habel biex jorbotha u qaltlu biex ma jorbothiex u biex ma jsawwathiex u li hassha hazin, izzerzqet fuq il-pultuna fl-art u dan il-persuna tela' jigri fuq fejn mar l-iehor. Tghid li ma rabathiex. Tispjega li tkaxkret biex taqbad it-telefon biex iccempel lil bintha u li wiehed miz-zewg persuni nizel minn fuq u hatfilha t-telefon u qataghu. Tispjega li kollox gie mitfugh mal-art u wara li l-persuni qaghdu jfittxu huma hargu l-barra mill-bitha fejn kellhom sellum. Mistoqsija tghid x'sabet nieqes, wiegbet li kellha nieqes kemm flus u kif ukoll deheb fejn filwaqt li tispecifika li kellha, bejn wiehed u iehor, il-fuq minn elf lira Maltin (Lm1000), kellha wkoll nieqes il-fuq minn elfejn lira Maltin (Lm2000) f'deheb. Tghid li dak li ghamel idejh ma' halqha beda jipprova jiehu c-crieket li kellha fuqha pero' kellha subghajha minfuhin bis-seqghi u b'hekk ma hadhomx. Tispjega li s-sellum li nstab fil-bitha ma kienx taghha pero' tghid li kien tal-haddiema ta' warajha. Tghid li ma gietx imsawwta. Tghid ukoll li meta dahlu fuqha dawn iz-zewg persuni li qed issemmi ma kien hemm l-ebda problemi fuq il-bieb ta' barra pero' tghid li diga' kien hemm xi brix

fuqu minn qabel. Tixhed li meta z-zewg persuni hargu lura mill-bitha, ma harsitx lejhom u li ma rathomx telghin pero' tghid li wara nstab li mas-sellum kien hemm turnavit u kalzetta, li tghid m'humiex taghha.

In kontro-ezami tghid li l-kalzetta ma sabitihiex hi pero' sabha Pulizija. Tghid li hi ma rathiex mas-sellum. Tghid li z-zewg persuni li dahlu fuqha kienu rgiel. Mistoqsija tghid jekk it-tnejn li huma kienux bil-kalzetta, wiegbet: *"Dak li qabad lili bil-kalzetta imma 'l iehor ma rajtux ghax 'l iehor nizel jigri minn fuq ghal gol-bitha"* (*a fol.* 29).

In ri-ezami ma tiftakarx x'kulur kienet il-kalzetta. Mistoqsija tghid x'tip ta' kalzetta kienet, tghid li kienet qisha *tights* tan-nisa.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Keith Arnaud** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn spjega li huwa mar fuq il-post in segwitu tar-rapport li kienet ghamlet Stella Vella, anzjana ta' tnejn u tmenin sena, dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012. Jghid li Stella Vella qaltlu l-istess affarijiet li xehdet quddiem il-Qorti qabel xehed hu. Spjega x'inghad lilu minn Stella Vella u x'ra hu meta mar fuq il-post. Jghid, fost l-ohrajn, li l-bieb ta' barra kien maghluq bl-istanga u li ma kellu l-ebda sinjali ta' sgass li graw dakinhar. Jghid li fil-bitha nstab li kien hemm sellum iserrah ma' hajt tal-bitha u li f'wahda mit-targiet tas-sellum kien hemm imdendel *tights* tan-nisa. Jghid li fuq il-*pot* tal-qsari isfel taht is-sellum kien hemm turnavit. Jixhed li nfethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman li hatret diversi esperti sabiex jassistuha fl-Inkjesta. Jghid li l-vittma soffriet xokk bil-qata' li kellha tant li rrizulta minn tabib li ngieb fuq il-post li kellha l-polz mghaggel, liema tabib jghid li ma sabilha l-ebda griehi. Jispjega x'jiccirkonda l-bitha tal-vittma fejn jghid ukoll li hu flimkien mal-iSpettur Jurgen Vella daru t-triq ta' wara u kkonfermaw li kien qed isir xi xoghol f'post fuq wara liema post imiss mad-dar tal-vittma. Jghid li l-bieb tal-post ta' wara huwa tal-injam li jista' jinfetah facilment u jixhed: *"Fil-fatt il-bieb huwa bieb ta' l-injam li ghandu qisu bhal persjana li jekk timbotta l-persjana ddahhal idejk u tiftah il-lock. Fil-fatt dan sibnih imbexxaq, infetah il-lock easy, dhalna fil-post..."* (*a fol.* 32).

Jghid li dahlu fil-post u kif telghu fuq ra post li kienu raw mid-dar tal-anzjana fejn setghu jghaddu facilment sabiex jigu fuq ic-cint tad-dar tal-anzjana. Jispjega li giet mitkellma sid il-fond, bl-isem ta' Desirée Caplan li qaltilhom li certu Jason Bonavia kien qed jaghmlilha xi xoghol f'dan il-post. Jghid li gie mitkellem Jason Bonavia fejn jghid x'qallu fejn irrizulta li s-sellum li nstab ghand il-vittma kien tieghu. Jixhed dwar dak li rrizulta lill-iSpettur Vella waqt l-investigazzjoni fejn kienet dahlitlu informazzjoni dwar l-imputat Antoine Galea u dwar Aaron Axisa li setghu kienu l-persuni nvoluti f'dan il-kaz. Jghid li nhareg Mandat ta' Arrest fil-konfront taz-zewg persuni li gew interrogati u fejn huma cahdu l-involviment taghhom fil-kaz. Jghid li ttiehed minn fuqhom *sample* tad-DNA fil-prezenza tal-Magistrat Inkwirenti fejn irrizulta li l-profil li tela' minn go t-*tights* li giet maqbuda fuq il-post qabel ma' dak tal-imputat Antoine Galea. Jispjega li l-imputat rega' gie mistoqsi xi domandi fejn kompliet l-investigazzjoni u li qabel sar hekk l-imputat inghata s-solita twissija u fejn irrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu. Ezebixxa dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-parir legali (Dok. "KA 1" – *a fol.* 36), dokument dwar *Police Bail* (Dok. "KA 2" – *a fol.* 37), mappa (Dok. "KA 3" – *a fol.* 38), zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat (Dok. "KA 4" – *a fol.* 39 *et seq.* u Dok. "KA 5" – *a fol.* 42 *et seq.*). Fir-rigward tal-mappa (Dok. "KA 3" – *a fol.* 38), jixhed: *"meta hadnih fuq il-post hemm hekk Antoine Galea qal illi hu la qatt dahal f'wahda minn dak il-bini li hemm fejn hadnih u lanqas ghandu xi relatives jew xi haga ohra hu x'inhu qatt ma dahal f'xi bini milli hemm hemmhekk"* (*a fol.* 34). Jispjega li eventwalment ittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-imputat u li fir-rigward tat-tieni suspettat baqghu ma waslux ghalih.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Keith Arnaud** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2012 (*a fol.* 65 *et seq.*) fejn ezebixxa:

- bhala Dok. "KA 6" (*a fol.* 67): vera kopja tad-Digriet tal-*bail* moghti mill-Qorti fit-3 ta' Awwissu 2010 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Daniel Zammit) vs. Antoine Galea**;

- bhala Dok. "KA 7" (*a fol.* 68 *et seq.*): sentenza moghtija fit-22 ta' Gunju 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonnet u Antoine Galea**;

- bhala Dok. "KA 8" (*a fol.* 70 *et seq.*): sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Galea**;

- bhala Dok. "KA 9" (*a fol.* 72 *et seq.*): sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Galea**;

- bhala Dok. "KA 10" (*a fol.* 75 *et seq.*): sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Silvio sive Saviour Galea, Christopher Scerri, Antoine sive Twanny Galea, Reno Tabone u Errol Grech**.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Keith Arnaud** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012(*a fol.* 91) fejn ezebixxa:

- bhala Dok. "KA 6" (*a fol.* 93): certifikat ta' twelid;

- bhala Dok. "KA 7" (*a fol.* 94): hames ritratti mehuda minnu dakinhar tal-akkadut.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2012, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Jurgen Vella** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn spjega dwar dak li gie nfurmat bih minn WPS 167 fit-22 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.15pm rigward il-persuna anzjana Stella Vella waqt li kienet fir-residenza taghha f'Rahal il-Gdid. Jghid li mar fuq il-post fejn kellem lil Stella Vella li kienet taht xokk u li kienet qed tistenna t-tabib taghha. Spjega x'qaltlu l-anzjana u spjega wkoll kif inhi mqassma r-residenza taghha u fejn ra li kien hemm it-taqlib. Spjega li fil-bitha osserva li kien hemm sellum li fi skaluna minnhom kien hemm kalzettta ta' lewn *beige*. Jghid li wasal fuq il-post ukoll l-iSpettur Keith Arnaud fejn flimkien ghamlu dawra mal-akwati tar-residenza tal-anzjana fejn spjega x'ra, fosthom li kien hemm dar li tinsab fit-triq ta' wara fejn toqghod il-vittma, f'liema dar dahlu fejn irrizulta li kienu qed isiru xi xoghlijiet fiha. Jixhed: *"morna wkoll ghamilna dawra ma' l-akwata fejn innutajna li fit-triq li tigi fuq wara tat-*

*triq tal-vittma cioé Sammat Street kien hemm residenza number 38 li giet osservata li din kellha l-purtella daqxejn sokkjuza, meta mbuttajna din il-purtella kien hemm il-lock ezatt taht u stajna nitfhu dan il-bieb"* (*a fol.* 48). Jghid li l-bitha ta' din id-dar tigi ezatt fuq in-naha ta' wara tal-bitha ta' Stella Vella u li kien hemm biss hajt ta' ftit filati. Jghid li giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa Dr. Miriam Hayman li hatret diversi esperti biex jassistuha fl-Inkjesta li nfethet. Jghid li wara xi zmien kellu informazzjoni li z-zewg persuni li kienu ghamlu l-*hold-up* kienu certu Aaron Axisa u Antoine Galea fejn dawn gew imsejha u filwaqt li jghid li ttiehditilhom stqarrija, jghid ukoll li ittiehdu *swabs* taghhom mill-halq fil-prezenza tal-Magistrat Dr. Miriam Hayman. Ezebixxa Mandat ta' Arrest mahrug fil-konfront ta' Antoine Galea li gie mmarkat bhala Dok. "JV 1" (*a fol.* 51).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2012, xehdet **Dr. Marisa Cassar** (*a fol.* 59 *et seq.*) fejn ikkonfermat li kienet giet nominata bhala esperta tad-DNA fl-Inkjesta Magisterjali u tghid li analizzat balaklava fejn hareg profil genetiku u li wara li kienu ngabru *buccal swabs* ta' Aaron Axisa u Antoine Galea, hareg DNA *profile* u l-profil genetiku ta' Antoine Galea kien jaqbel mal-profil genetiku li kien irrizulta mill-balaklava. Filwaqt li kkonfermat ir-rapport taghha li jinsab formanti parti mill-Process Verbal (*a fol.* 25 *et seq.* tal-Process Verbal – *a fol.* 58), ezebiet ir-rapport l-iehor redatt minnha li gie mmarkat bhala Dok. "MC 1" (*a fol.* 61 *et seq*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehdet **WPS 267 Justine Grech** (*a fol.* 85 *et seq.*) rigward l-okkorrenza redatta minnha in segwitu ta' telefonata li saret mill-*control room* li kienet sehhet serqa gewwa fond f'Rahal Gdid. Spjegat x'irrizulta in segwitu ta' din it-telefonata u x'qalet Stella Vella meta giet mitkellma. Tghid li staqsiet lil Stella Vella jekk kinitx ratx xi sikkina u li Stella Vella wegbitha li ma kienet rat l-ebda sikkina. Tghid li Stella Vella qaltilha li l-persuna li kien kellimha kien kellimha b'Malti car u li kellu kalzetta go rasu. Spjegat ukoll minn fejn irrizulta li dahlu z-zewg persuni fir-residenza ta' Vella u li fejn il-bieb tal-bitha kien hemm sellum fuq liema sellum kien hemm kalzetta li giet mghottija biex tigi prezervata l-evidenza. Tghid li marret f'post iehor fuq wara tad-dar ta' Stella Vella, f'liema post iehor kien facli li tidhol

peress li kien hemm purtella li tista' tinfetah u li gie stabbilit li l-hallelin dahlu minn hemm u mhux mill-bieb principali tar-residenza ta' Vella. Ezebiet l-okkorrenza redatta minnha li giet immarkata bhala Dok. "JG 1" (*a fol.* 88 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, xehed **Jason Bonavia** (*a fol.* 95 *et seq.*) fejn spjega li huwa jahdem fil-kostruzzjoni. Spjega li kellu xi xoghol flimkien ma' haddiema ohra minn tieghu fil-fond numru 38, Triq Sammat, Rahal Gdid. Jghid li kien gie nfurmat minn wiehed mill-haddiema tieghu li s-sellum li kellhom kien jinsab fi proprjeta' li tigi wara dik li bdew jaghmlu xi xoghlijiet fiha. Jghid li hu stess (Bonavia) rah fil-bitha ta' din ir-residenza. Jghid x'ghamel u li eventwalment mar fil-post imsemmi fejn kien hemm is-sellum flimkien mal-Pulizija u ha lura s-sellum. Ma jiftakarx l-indirizz ta' fejn kien is-sellum pero' jghid li huwa mar fir-residenza fejn ra li kien hemm is-sellum fejn jghid li fih toqghod mara anzjana. F'ritratti murija lilu (Dok. "KA 7" – *a fol.* 94) qal li seta' jara s-sellum in kwistjoni u l-bitha fejn kien hemm is-sellum. Mistoqsi jghid min kien isakkar il-post fejn kien qed isiru x-xoghlijiet fih jghid li l-haddiema kienu jsakkruh u jispecifika li l-bieb kien jissakkar bic-cavetta u li huwa qisu bieb ta' dar normali. Ghad-domanda: *"Imma bhala lock kontu ssakkruh intom normali?"* (*a fol.* 97), wiegeb: *"Iva normali konna nsakkruh iva"* (*a fol.* 97). Fir-rigward tal-purtella jghid li din sabha msammra u mistoqsi jghid xi jrid ifisser biha din il-kelma, wiegeb: *"Qisu jew kienet sgassata u xi hadd sammarha, ma tistax tinfetah"* (*a fol.* 97). Jghid li din kienet mhux kif kienu hallewha huma (cioé il-haddiema). Jispjega li f'kaz li l-purtella tkun miftuha, jekk il-purtella tinfetah, wiehed jkun jista' jidhol gewwa peress li l-*lock* jinfetah minn gewwa. Rega' specifika li l-purtella sabha msammra.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed **PS 435 David D'Amato** (*a fol.* 103 *et seq.*) fejn spjega dwar dak li kienu gew infurmati bih dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.15pm in rigward ta' serqa f'fond f'Rahal Gdid. Jghid li huwa mar fuq il-post flimkien mal-iSpettur Keith Arnaud fejn xehed dwar dak li nstab u x'inghad mill-anzjana. Jghid li minn tfittxija li saret fil-post instab li kien hemm turnavit u par *tights* li kienu mdendlin fuq is-sellum li kien

hemm fil-bitha tar-residenza. Spjega li aktar tard kienu gew infurmati li l-iSpettur Jurgen Vella kellu xi informazzjoni li dawk li kienu ghamlu s-serqa kienu Antoine Galea (li gie identifikat bhala l-imputat fl-awla) u xi persuna ohra. Jghid li l-imputat gie arrestat fit-28 ta' Frar 2012 fejn ittiehdulu kampjun tad-DNA minn Dr. Marisa Cassar quddiem il-Magistrat Dr. Miriam Hayman. Jghid ukoll li l-imputat nghata l-*police bail* u li hu (PS 435) flimkien ma' PC 8 hadu lill-imputat bil-vettura, dawwruh mal-blokka ta' fejn kienet grat is-serqa u meta staqsieh jekk qattx dahal f'xi residenza fil-qrib, l-imputat qal li qatt ma kien dahal fl-ebda residenza f'dawk l-akwati.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **PC 1525 Patrick Farrugia** (*a fol.* 106 *et seq.*) fir-rigward tal-inkarigu moghti lilu fl-Inkjesta Magisterjali. Spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu tieghu. Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "PF 1" (*a fol.* 108 *et seq.*) u rritorna lura t-turnavit sigillat li gie mmarkat bhala Dok. "PF 2".

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **Desirée Caplan** (*a fol.* 114 *et seq.*) fejn spjegat li hija proprjetarja tal-fond 38, Triq Sammat, Rahal Gdid. Spjegat li kienu qed isiru xi xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond imsemmi. Mistoqsija tghid jekk il-bieb tar-residenza msemmija kienx jissakkar, wiegbet: *"Kelli bieb pero' ma kienx minn dawn – kien qisu li min ikun wise jista' jidhol, qed tifhem, ikunu jafu kif ghandhom jifthu l-purtella"* (*a fol.* 115). Kompliet tghid: *"Hemm purtella u fil-fatt imbaghad sibtha msammra jien meta mort"* (*a fol.* 115). Tghid li hija qabbdet kuntrattur.

Illi, fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2012, xehed **PS 465 Daniel Abela** (*a fol.* 122) fir-rigward tal-inkarigu moghti lilu fl-Inkjesta Magisterjali. Spjega fiex kien jikkonsisti l-inkarigu tieghu. Jghid li minn fuq il-post numru 42, Triq il-Palma, Rahal Gdid huwa eleva turnavit li gie mghoddi lill-espert Patrick Farrugia. Jiftakar li fuq il-post kien hemm Dr. Marisa Cassar li elevat kalzetta, liema kalzetta jghid li kienet fuq skaluna ta' sellum li kien hemm fil-bitha ta' wara tal-fond imsemmi. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "DA 1" (*a fol.* 124 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Dicembru 2012, xehed **Dr. Mark Aquilina**[1] (*a fol.* 146 *et seq.*) illi meta saritlu riferenza għall-24 ta' Frar 2012, qal li huwa kien stazzjonajt fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal il-Gdid fejn in segwitu ta' telefonata li giet ricevuta huwa mar fuq il-post fejn kienet saret serqa u ezamina mara li ccertifikaha li kienet qed tbaghti minn xokk. Jghid li hu hadilha l-pressjoni, sema' qalbha u daharha biex jara jekk kienx hemm bzonn li jibghatha l-isptar. Jghid li ma osserva l-ebda marki esterni u li ma ghamel l-ebda certifikat. Jixhed li nesa x'kien jisimha din il-persuna u mistoqsi jghid kemm, bejn wiehed u iehor, kellha zmien, wiegeb li kellha madwar sebghin sena.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' April 2013, xehed **PC 9 Christopher Abela**[2] (*a fol.* 149 *et seq.*) fejn spjega li fit-22 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.15pm gie ricevut rapport li kien sehhet serqa gewwa fond f'Rahal il-Gdid u li kien hemm mara anzjana. Jghid li mar fuq il-post flimkien mal-iSpettur u PS 435 fejn spjega li ma dahalx fil-post in kwistjoni. Jghid li wara kienet dahlet informazzjoni kunfidenzjali li fis-serqa kien involut l-imputat li gie identifikat fl-awla. Jispjega li fil-5 ta' Marzu 2012 hu (PC 9) u PS 435 hadu lill-imputat fejn l-akwati fejn sehhet is-serqa u meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk jaghrafx l-akwati jew xi residenza, fosthom dik tal-vittma u l-fond ta' wara, u li jekk dahalx gewwa fihom, l-imputat wiegeb fin-negattiv tant li jghid li qal li qatt ma kien resaq 'l hemm u ma kien qed jaghraf xejn.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

[1] Dan ix-xhud kien diga' xehed fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2012 (*a fol.* 136), id-depozizzjoni ta' liema moghtija fl-imsemmija seduta ma gietx registrata (*a fol.* 137).
[2] *Ibid.*

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza odjerna jirrizulta li fit-22 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.15pm waqt li Stella Vella kienet tinsab fir-residenza taghha f'Rahal Gdid, dahlu fuqha zewg persuni mill-bieb tal-bitha fejn l-imsemmija Vella sfat misruqa. Iz-zewg persuni jirrizulta li hargu l-barra mill-bitha fejn kellhom sellum u li wara nstab li fuq wahda mit-targiet tas-sellum kien hemm imdendel *tights* tan-nisa u fuq il-*pot* tal-qsari taht is-sellum kien hemm turnavit.

Illi eventwalment, wara li l-iSpettur Jurgen Vella nghata informazzjoni li z-zewg persuni li wettqu s-serqa kienu certu Aaron Axisa u l-imputat u wara li saru xi testijiet tad-DNA, ittiehdu passi kriminali biss fil-konfront tal-imputat Galea (u dana *stante* li fir-rigward ta' Axisa, l-iSpettur Keith Arnaud xehed li l-Pulizija ma waslux ghalih), fejn l-imputat Galea gie akkuzat b'diversi imputazzjonijiet: gie akkuzat b'serq ikkwalifikat b'numru ta' kwalifiki, b'arrest/sekwestru kontra l-ligi, b'li kiser il-provedimenti ta' Artikoli 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'li kiser kundizzjonijiet meta nghata l-liberta' provizorja. L-imputat gie akkuzat ukoll li sar recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, da parte taghha, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 211 *et seq.*), il-Prosekuzzjoni ssostni li l-imputat ghandu jigi misjub hati ta' dak li jinghad minnha fin-Nota msemmija u dana ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess Nota. Id-difiza baqghet ma ghamlitx is-sottomissjonijiet finali taghha u dana minkejja li giet allokata data u hin sabiex taghmel hekk.

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota li ser jigu skartati l-istqarrijiet (Dok. "KA 4" – *a fol.* 39 *et seq.* u Dok. "KA 5" – *a fol.* 42 *et seq.*) rilaxxati mill-imputat fil-5 ta' Marzu 2012 u fis-6 ta' Marzu 2012 u dana *stante* li minkejja li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu, l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrijiet u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdu l-istqarrijiet in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti

Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq Ikkwalifikat bil-Vjolenza, bil-Mezz, bil-Valur, bil-Hin u bil-Lok)</u>**:
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'serq mill-fond f'Rahal Gdid, liema serq qed jigi allegat li huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bil-lok.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro."*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V.,

Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Stella Vella spjegat kif dakinhar tal-akkadut infetah il-bieb tal-*aluminium* tal-bitha li qalet li jkun marbut bil-habel, liema habel gie mqaccat f'liema hin dahlu fuqha zewg persuni b'kalzetta go rashom fejn wiehed mill-persuni tela' jigri l-fuq u l-iehor mar fuqha u ghamel idejh ma' halqha u qalilha biex ma tghajjatx ghax kellu sikkina u tispjega li minkejja li kien ser jorbotha, ma rabathiex u tela' jigri l-fuq fejn kien l-iehor. Xehdet dwar dak li gie misruq u li z-zewg persuni hargu mill-bitha fejn kien hemm sellum li tghid li ma kienx taghha.

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Keith Arnaud spjega li fil-bitha nstab li kien hemm sellum iserrah ma' hajt u li f'wahda mit-targiet tas-sellum kien hemm *tights* tan-nisa mdendel. Jghid li fuq il-*pot* tal-qsari taht is-sellum kien hemm turnavit. Irrizultalu li kien qed isir xi xoghol f'post li jigi ezatt fuq wara tal-post ta' Stella Vella.

- Da parte tieghu, l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Jurgen Vella spjega li meta mar fir-residenza ta' Stella Vella huwa osserva li fil-bitha kien hemm sellum fejn fi skaluna minnhom kien hemm kalzettta ta' lewn *beige*. Spjega wkoll kif flimkien mal-iSpettur Arnaud dahlu fil-fond fejn kienu qed isiru xi xoghlijiet, liema fond jigi fuq wara tar-residenza ta' Stella Vella.

- WPS 267 Justine Grech hejjiet l-okkorrenza (Dok. "JG 1" – *a fol.* 88 *et seq.*) fejn tghid li staqsiet lil Stella Vella jekk kinitx ratx xi sikkina u li Stella Vella wegbitha li ma kienet rat l-ebda sikkina. Kemm fl-okkorrenza u fid-depozizzjoni taghha, WPS 267 Justin Grech qalet li Vella qaltilha li l-persuna li kellimha, kellimha b'Malti car u li dan kellu kalzetta go rasu. WPS 267 Grech spjegat li minn fejn irrizulta li dahlu z-zewg persuni fir-residenza ta' Vella, cioé fejn il-bieb tal-bitha, kien hemm sellum

fuq liema sellum kien hemm kalzetta li giet mghottija biex tigi prezervata l-evidenza.

- PS 435 David D'Amato xehed li mar fuq il-post fejn kienet sehhet is-serqa flimkien mal-iSpettur Keith Arnaud fejn qal li minn tfittxija li saret fil-post instab li kien hemm turnavit u par *tights* li kienu mdendlin fuq is-sellum li kien hemm fil-bitha tar-residenza tal-persuna misruqa.

- PS 465 Daniel Abela spjega li minn fuq il-post numru 42, Triq il-Palma, Rahal Gdid huwa eleva turnavit li gie mghoddi lill-espert PC 1525 Patrick Farrugia. Jghid ukoll li fuq il-post kien hemm Dr. Marisa Cassar li elevat kalzetta li kienet fuq skaluna ta' sellum li kien hemm fil-bitha ta' wara tal-fond imsemmi.

- Desirée Caplan spjegat li hija proprjetarja tal-fond 38, Triq Sammat, Rahal Gdid u li hija nkarigat kuntrattur sabiex jaghmel xoghlijiet ta' kostruzzjoni fil-fond imsemmi.

- Jason Bonavia xehed li kien qed isir xi xoghol flimkien ma' haddiema ohra minn tieghu fil-fond numru 38, Triq Sammat, Rahal Gdid u li gie nfurmat minn wiehed mill-haddiema tieghu li s-sellum li kellhom kien jinsab fi proprjeta' li tigi wara dik li bdew jaghmlu xi xoghlijiet fiha. Hu stess ra dan is-sellum fil-bitha ta' din ir-residenza fejn kienet toqghod mara anzjana.

- Meta l-iSpettur Keith Arnaud kien ha lill-imputat hdejn id-dar tal-vittma kif ukoll hdejn dik ta' wara fejn kienu qeghdin isiru xi xoghlijiet fiha u staqsieh jekk kienx resaq hemmhekk xi darba, l-imputat nnega li qatt resaq l'hemmhekk. Xehdu fuq l-istess linji PS 435 David D'Amato u PC 9 Christopher Abela.

Illi ghandu jigi ezaminat jekk l-imputat Antoine Galea kienx wiehed miz-zewg persuni li wettaq is-serqa li ssir riferenza ghaliha fl-ewwel (1) imputazzjoni. Jibda biex jinghad li skond l-iSpettur Keith Arnaud l-bieb ta' barra tar-residenza ta' Stella Vella kien maghluq bl-istanga u li ma kellu l-ebda sinjali ta' sgass li graw dakinhar tas-serqa. Ma ghandux ikun hemm dubbju li z-zewg

persuni nvoluti fis-serqa *de quo* dahlu mill-bieb tal-bitha tar-residenza ta' Stella Vella. Dan tixhdu Vella nnifisha, f'liema bitha msemmija rrizulta li kien hemm sellum, li ma kienx ta' Vella u li gie pruvat kien ta' dawk li kienu qed jaghmlu xi xogholijiet fir-residenza ta' Caplan. M'ghandux ikun hemm dubju lanqas li z-zewg persuni li wettqu s-serqa waslu sal-bitha ta' Stella Vella billi dahlu mir-residenza ta' Caplan (minn fejn *del resto* dahlu l-iSpetturi Keith Arnaud, l-iSpettur Jurgen Vella u WPS 268 Justine Grech) f'liema residenza kien hemm originarjament is-sellum. Irrizulta li l-bitha ta' din ir-residenza tigi ezatt fuq in-naha ta' wara tal-bitha ta' Stella Vella u, kif jinghad mill-iSpettur Vella, kien hemm biss hajt ta' ftit filati li jifred iz-zewg residenzi.

Illi fir-rigward tat-turnavit li gie elevat mill-bitha tar-residenza ta' Stella Vella jirrizulta li l-ezamijiet li saru fuqu minn PC 1525 Patrick Farrugia taw rizultat fin-negattiv. Mhux l-istess jista' jinghad fir-rigward tat-*tights* li giet elevata. *In fatti* dak li hemm jorbot l-imputat Galea ma' din is-serqa in kwistjoni huwa dan it-*tights* li gie elevat minn fuq ix-xena tar-reat, specifikament minn fuq wahda mill-iskaluni tas-sellum li ntab fil-bitha tar-residenza ta' Stella Vella.

Illi da parte taghha, Dr. Marisa Cassar, filwaqt li kkonfermat ir-rapport taghha li jinsab formanti parti mill-Process Verbal (*a fol.* 25 *et seq.* tal-Process Verbal – *a fol.* 58), fejn ikkonkludiet li mill-kampjun li ttiehed mit-*tights* in kwistjoni hareg profil genetiku ta' ragel, f'rapport iehor taghha (Dok. "MC 1" – *a fol.* 61 *et seq*), waslet ghas-segwenti konkluzjoni:

> "Mill-kampjun li ttiehed mit-tights hareg profil genetiku ta' ragel. Mill-analizi ta' komparazzjoni l-incidenza (Likelihood Ratio) li l-profil genetiku li hareg minn dan il-kampjun (parti minn balaklava) hu ta' Antoine Galea (ID No. 32278M) huwa ta' $1.78 \times 10^{22}$" (*a fol.* 63).

Illi l-Qorti tifhem li din hija prova cirkostanzjali wahda, pero' tinnota li jirrizulta li t-*tights* in kwistjoni ma ngabarx minn post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku pero' minn bitha li

tifforma parti mir-residenza ta' Stella Vella. Prova bhal din ma tista' bl-ebda mod tigi injorata.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser taghmel riferenza ghall-gurisprudenza fir-rigward ta' provi jew indizzji cirkostanzjali fir-rigward ta' *fingerprints* liema gurisprudenza jistghu jigu applikati b'analogija ghall-kaz odjern.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, <u>anzi l-akkuzat biss</u>, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' *fingerprints* qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> "f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* **wahedha** tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza". [emfazi mizjuda]

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

> *"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – *"circumstantial evidence"*" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v. Kilbourne** [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities"*. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

> "Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".

Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

> "F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa

tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn PC 516 Alfio Borg (*a fol.* 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (*sliding*) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.

[...]

Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".

Illi, mehud dak li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni fir-rigward tal-kawza odjerna, il-Qorti tinnota li l-fatt li t-*tights* in kwistjoni li minnha hareg il-profil genetiku tal-imputat instabet fejn instabet fir-residenza ta' Stella Vella twassal biss ghal direzzjoni wahda, u cioé li l-imputat Antoine Galea kien effettivament prezenti meta sehhet is-serqa u li kien wiehed miz-zewg persuni nvoluti fis-serqa. It-*tights* instabet proprju fil-bitha tar-residenza tal-fond derubat li jfisser li xi hadd dahal proprju f'parti tar-residenza li mhijiex accessibbli ghall-pubbliku u b'hekk dahal fil-fond in kwistjoni u wettaq is-serqa. Il-Qorti tikkonkludi li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li dan ix-xi hadd ma kien hadd hlief l-imputat Antoine Galea.

Illi jsegwi ghalhekk li l-imputazzjoni li tirrigwarda s-serq li ssir riferenza ghaliha fl-ewwel (1) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-kwalifiki tal-vjolenza, tal-mezz, tal-valur, tal-hin u tal-lok, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- kwalifika tal-vjolenza: Jirrizulta li Stella Vella soffriet xokk bil-qata' li kellha. Dan jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Dr. Mark Aquilina fejn qal ukoll li ma osserva l-ebda marki esterni fuq Vella u li ma kien irrilaxxa l-ebda certfikat. Minkejja dan u minkejja l-fatt li jirrizulta li Stella Vella ma gietx marbuta, jirrizulta li hija giet sekwestrata, kif ser jinghad fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, u li giet mhedda biex ma tghajjatx. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- kwalifika tal-mezz: Stella Vella xehdet li l-bieb tal-bitha kien marbut bil-habel, li tqaccat in segwitu ta' liema dahlu zewg persuni fuqha. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- kwalifika tal-valur: Meta Stella Vella giet mistoqsija tghid x'sabet nieqes, wiegbet li kellha flus u deheb nieqes fejn filwaqt li tispecifika li kellha, bejn wiehed u iehor, il-fuq minn elf lira Maltin (Lm1000), tghid ukoll li kellha l-fuq minn elfejn lira Maltin (Lm2000) f'deheb. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- kwalifika tal-hin: Stella Vella xehdet li s-serqa sehhet dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012 ghall-habta tas-7.00pm. Fir-rapport redatt minnha (Dok. "JG 1" – *a fol.* 88 *et seq.*), WPS 167 Justine Grech kitbet li dakinhar tat-22 ta' Jannar 2012 ghall-habta ta' 7.45pm il-Pulizija tal-Ghassa ta' Rahal Gdid irceviet telefonata li kienet sehhet serqa fir-residenza in kwistjoni. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- kwalifika tal-lok: Jirrizulta li s-serqa in kwistjoni sehhet go dar. Il-Qorti taghmel riferenza ghal Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li l-hames kwalifiki msemmija, u cioé dawk tal-vjolenza, tal-mezz, tal-valur, tal-hin u tal-lok gew pruvati. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi

misjub hati tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu bil-kwalifiki appena msemmija.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Arrest, Detenzjoni jew Sekwestru skond il-Ligi)</u>:**
Illi l-Qorti ser l-ewwel tibda billi taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni, u cioé ghar-reat emergenti minn Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Josmar Pace**, fejn inghad is-segwenti:

> "L-Artikolu 86 tal-Kap. 9 jiddisponi li:
>
> "Kull min, bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha, jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata."
>
> Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista' jinstab hati ta' din l-akkuza *una volta* u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolarment li l-appellant ma kellux awtorita' skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. [...]
>
> Din il-Qorti tara li l-element tal-artikoli relevanti ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru ghandu jsir kontra l-volonta' tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi, fil-fehma tal-Qorti, it-tehid jew it-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista' jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt lil persuna ghal moviment liberu taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma *"sekwestru"* f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatura tas-sub-artikolu tal-Kap. 9 li tahtu jaqa' dan l-artikolu l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita' pubblika jindika li taht dan il-Kap. jaqa' agir li jekk kommess min minn ghandu awtorita' ma jkunx punibbli. It-teorija tal-arrest illegali, abbraccjat ghalhekk mhux biss l-arrest fiziku u furzat, imma l-arrest bl-ingann.

Fi kliem l-awturi **Smith & Hogan** l-arrest jissusisti *'by words alone if one submits'*. [vide **Il-Pulizija v. Albert Cassar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Novembru 1990.]

**Maino** fil-ktieb tieghu **Commento al Codice Penale** jikkummenta fuq l-Artikolu 146 li huwa bhal Artikolu 86 taghna *a fol*. 112 para. 788; Vol II billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta' sia **assoluta**[3] e avvenga in circostanze tali da togliere alla vitma ogni possibilita' di scampo o di soccorso".*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu **Manuale di Diritto Penale**[4] jghid:

*"Le fatti specie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della liberta' non é totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. É necessario per altro che la perdita' della liberta' si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo.""*

Ghandu jinghad li hu pacifiku li l-imputat ma kellux ordni skond l-ligi ta' awtorita' kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Pero' jista jinghad li huwa b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lill-vittma Stella Vella?

[3] Emfazi tal-Qorti tal-Appell.
[4] Ediz. 1977; pg. 134.

Illi l-Qorti tinnota li, minkejja l-eta' taghha, il-vittma Stella Vella kienet lucida, metikoluza u cara hafna fid-depozizzjoni moghtija minnha. F'din id-depozizzjoni hija spjegat x'sar fuqha u x'inghad lilha wara li dahlu fir-residenza taghha z-zewg persuni in kwistjoni. Jirrizulta li Vella ma setghatx titlaq liberament ghajr ghal meta l-persuni li dahlu fuqha telqu l-hemm. Tenut kont ta' dak li nghad fis-sentenza kwotata hawn fuq ghandu jirrizulta bl-aktar mod car li l-ewwel parti tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u li b'hekk l-imputat ser jinstab hati ta' din il-parti tal-imputazzjoni in ezami.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser taghmel riferenza ghat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni, u cioé ghal dik il-parti li taqra hekk: *"liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha u mhedda bil-mewt u l-istess delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha"*. Fi ftit kliem, din it-tieni parti tat-tieni imputazzjoni ma hija xejn hlief ic-cirkostanzi aggravanti *ai termini* ta' Artikoli 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi huwa ben risaput li l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju, fejn l-Avukat Generali ndika skond hu liema artikoli tal-ligi l-imputat kellu jigi misjub hati taghhom, l-Avukat Generali ndika, fost l-ohrajn, Artikoli 86, 87(c), u 87(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Diga' nghad li htija ser

tinsab *ai termini* ta' Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero' fir-rigward ta' Artikoli 87(c) u 87(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li dawn ma jezistux fil-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. M'ghandux ikun hemm dubju li l-Avukat Generali ried jindika Artikoli 87(1)(c) u 87(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta pero' gialadarba dawn ma gewx indikati hekk fin-Nota tal-Avukat Generali, il-Qorti ser ikollha tasjeni milli tiehu konjizzjoni tac-cirkostanzi aggravanti kif indikati fit-tieni parti tat-tieni (2) imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenzi moghtija fit-28 ta' Mejju 2011 u fit-22 ta' Gunju 2011. Il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' sentenza moghtija fit-22 ta' Gunju 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonnet u Antoine Galea** (Dok. "KA 7" – *a fol.* 68 *et seq.*), l-atti processwali ma jikkontjenu l-ebda sentenza moghtija fit-28 ta' Mejju 2011. Huwa veru li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2011 (Dok. "KA 8" – *a fol.* 70 *et seq.*) kontra l-imputat (*stante* li n-numru tal-Karta tal-Identita' kontra min inghatat huwa identiku ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna u *stante* li d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir il-prova tal-identita' tal-imputat (*a fol.* 83) pero' allavolja f'din is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2011 gie applikat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, pero' fl-istess waqt ladarba l-imputazzjoni in ezami taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija fit-28 ta' Mejju 2011, li ma tezistix fl-atti processwali, il-Qorti ma tistax u mhijiex ser tassumi li wahda mid-dati tas-sentenzi li jsiru riferenza ghalihom fit-tielet imputazzjoni kella tkun dik tas-27 ta' Mejju 2011. Ghaldaqstant, il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha biss fir-rigward tas-sentenza moghtija fit-22 ta' Gunju 2011 cioé dik immarkata bhala Dok. "KA 7" (*a fol.* 68 *et seq.*).

Illi s-sentenza li giet immarkata bhala Dok. "KA 7" (*a fol.* 68 *et seq.*) hija vera kopja ta' sentenza u jirrizulta li wiehed miz-zewg imputati

fil-kawza msemmija huwa l-imputat tal-kawza odjerna u dana *stante* li, apparti l-fatt id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir il-prova tal-identita' tal-imputat (*a fol.* 83), il-konnotati kollha ta' wiehed minn dawn iz-zewg imputati huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna u b'hekk ma ghandux ikun hemm dubju li din is-sentenza tat-22 ta' Gunju 2011 inghatat kontra l-imputat tal-kawza odjerna. Jirrizulta li f'din is-sentenza nstabet htija fil-konfront tal-imputat u li gie applikat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn. *Stante* li l-imputazzjonijiet mertu tal-kawza odjerna sehhew fit-22 ta' Jannar 2012 m'ghandux ikun hemm dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu fejn issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-22 ta' Gunju 2011. Ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, il-Qorti mhijiex ser issib l-ebda htija fir-rigward tas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2011 li ssir riferenza ghalija fit-tielet (3) imputazzjoni.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2011. Ghandu jinghad li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja ta' sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Galea** (Dok. "KA 9" – *a fol.* 72 *et seq.*) fejn jirrizulta li din is-sentenza, fejn gie applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien tliet snin, giet moghtija kontra l-imputat tal-kawza odjerna *stante* li d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir il-prova tal-identita' tal-imputat (*a fol.* 83) u *stante* li l-konnotati kollha tal-persuna kontra min inghatat (ghajr ghall-indirizz residenzjali) huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. Tenut kont tal-fatt li l-imputazzjonijiet mertu tal-kawza odjerna sehhew fit-22 ta' Jannar 2012 m'ghandux ikun hemm dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Il-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Ksur ta' Digriet li Bih l-Imputat Inghata l-Liberta' Provizorja):**

Illi l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal digriet moghti fit-3 ta' Awwissu 2010. Jinghad ukoll fl-imputazzjoni in ezami li l-ksur in kwistjoni kien dak li l-imputat ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Illi l-atti processwali jikkontjenu vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja moghtija fit-3 ta' Awwissu 2010 (Dok. "KA 6" – *a fol.* 67). Il-Qorti tinnota li d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir il-prova tal-identita' tal-imputat fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja ezebiti fl-atti (*a fol.* 83). Minkejja dan, il-Qorti tinnota li l-prova tal-vigenza tal-proceduri penali fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma ngabitx mill-Prosekuzzjoni, ghalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li l-proceduri penali in kwistjoni kienu ghadhom pendenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti sejra ssib li l-imputazzjoni in ezami ma gietx sodisfacentement pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-atti processwali jikkontjenu vera kopja tas-segwenti erba' sentenzi:

- sentenza moghtija fit-22 ta' Gunju 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonnet u Antoine Galea** (Dok. "KA 7" – *a fol.* 68 *et seq.*);
- sentenza moghtija fis-27 ta' Mejju 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Galea** (Dok. "KA 8" – *a fol.* 70 *et seq.*);
- sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Antoine Galea** (Dok. "KA 9" – *a fol.* 72 *et seq.*);
- sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Silvio sive Saviour Galea, Christopher Scerri,**

**Antoine sive Twanny Galea, Reno Tabone u Errol Grech (**Dok. "KA 10" – *a fol.* 75 *et seq.*).

Illi fir-rigward tas-sentenzi t'hawn fuq id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ssir il-prova tal-identita' tal-imputat (*a fol.* 83). Hija biss is-sentenza mmarkata bhala Dok. "KA 10" – *a fol.* 75 *et seq.*) li hija nieqsa mill-konnotati tal-persuni kontra min inghatat. Fir-rigward tat-tliet sentenzi l-ohra (cioé Dok. "KA 7" (*a fol.* 68 *et seq.*), Dok. "KA 8" (*a fol.* 70 *et seq.*) u Dok. "KA 9" (*a fol.* 72 *et seq.*) jirrizulta li dawn gew moghtija kontra l-imputat tal-kawza odjerna u dana *stante* li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw jaqblu ma' dawk tal-imputat fil-kawza odjerna.

Minkejja dan kollu jirrizulta li filwaqt fis-sentenzi mmarkati bhala Dok. "KA 7" (*a fol.* 68 *et seq.*), Dok. "KA 8" (*a fol.* 70 *et seq.*) u Dok. "KA 10" (*a fol.* 75 *et seq.*) l-imputat inghata l-liberta' kondizzjonata *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fis-sentenza mmarkata bhala Dok. "KA 9" (*a fol.* 72 *et seq.*) jirrizulta li l-imputat inghata *probation ai termini* ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Zahra** moghtija fit-30 ta' April 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

> "Ghalhekk persuna ma tistax titqies recidiva jekk tikkommetti delitt iehor matul il-perijodu tal-*conditional discharge* jew il-perijodu ta' *probation*[5]. Jigifieri l-appellant ma setax jigi dikjarat recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali minhabba s-sentenza msemmija tat-23 ta' Jannar 1990."

Illi dan ifisser li l-imputazzjoni in ezami ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

---

[5] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Johan Sultana**, 2 ta' Awwissu 2006

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti:

- l-ewwel (1),
- l-ewwel parti tat-tieni (2) imputazzjoni u cioé fejn issir riferenza ghal Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
- it-tielet (3) imputazzjoni (fejn issir riferenza ghas-sentenza tat-22 ta' Gunju 2011), u
- ir-raba' (4) imputazzjoni.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi *o meno* tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta'

> prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, filwaqt li l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, wara li kkunsidrat dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti: in-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali (*a fol.* 7 *et seq.* u *a fol.* 183 *et seq.*) tal-istess imputat (minn liema jirrizulta li l-imputat kiser difrejgh mal-ligi diversi drabi) u kif ukoll il-fatt li l-imputat inghata diversi cansijiet sabiex jirriforma hajtu (fosthom liberta' kondizzjonata u *probation*) pero' jirrizulta li ma jridx jimxi fit-triq it-tajba.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li l-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni parti tat-tieni imputazzjoni (u cioé fejn issir riferenza ghac-cirkostanzi aggravanti),

ma ssibx lill-imputat hati tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ma ssibux hati wkoll ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2011 u b'hekk tilliberah mill-hames (5) u mis-sitt (6) imputazzjoni msemmija u minn dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghas-sentenza tat-28 ta' Mejju 2011,

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 29 ta' Novembru 2012 u senjatament

Artikoli 86, 261(a), 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 262(1)(a), 263(a), 267, 269(g), u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

u

Artikoli 7, 21, 22, u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

issib lill-imputat Antoine Galea hati tal-ewwel (1) imputazzjoni (inkluz tal-kwalifiki hemm imsemmija), tal-ewwel parti tat-tieni (2) imputazzjoni (fejn issir riferenza ghal Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta), ta' dik il-parti tat-tielet (3) imputazzjoni fejn issir riferenza ghas-sentenza tat-22 ta' Gunju 2011, u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu komplessiv ta' erbghin (40) xahar prigunerija.

Finalment, *ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Galea sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' elf, tnejn u sebghin Euro u tliet centezmi (€1072.03).[6]

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[6] Perit Richard Aquilina (Dok. "RA" – *a fol.* 17 tal-Process Verbal li jinsab *a fol.* 58) (€198.54); Dr. Marisa Cassar (Dok. "MC" – *a fol.* 27 tal-Process Verbal li jinsab *a fol.* 58) (€232.05); PS 826 Matthew Parnis (Dok. "MP" – *a fol.* 73 tal-Process Verbal li jinsab *a fol.* 58) (€95.97); Dr. Marisa Cassar (Dok. "MC 1" – *a fol.* 64) (€436.60); PC 1525 Patrick Farrugia (Dok. "PF 1" – *a fol.* 113) (€93.15); PS 465 Daniel Abela (Dok. "DA 1" – *a fol.* 127) (€15.72).